

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 11/2011

tal-1 ta' April 2011

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) mal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 102/2007 tat-28 ta' Settembru 2007 <sup>(1)</sup>.
- (2) Id-Direttiva 2009/142/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 rigward tagħmir li juża l-gass <sup>(2)</sup> għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Id-Direttiva 2009/142/KE tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/396/KEE <sup>(3)</sup> li hi inkorporata mal-Ftehim u li konsewwentement għandha titħassar skont il-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

## Artikolu 1

It-test tal-punt 2 (id-Direttiva tal-Kunsill 90/396/KEE) fil-Kapitolu V tal-Anness II għall-Ftehim għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

'**32009 L 0142:** Id-Direttiva 2009/142/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 rigward tagħmir li juża l-gass (ĠU L 330, 16.12.2009, p. 10).'

## Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2009/142/KE bil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom jitqiesu li huma awtentiċi.

## Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-2 ta' April 2011, sakemm in-notifiki kollha li jinsabu fl-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

## Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' April 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

<sup>(1)</sup> ĠU L 47, 21.2.2008, p. 16.

<sup>(2)</sup> ĠU L 330, 16.12.2009, p. 10.

<sup>(3)</sup> ĠU L 196, 26.7.1990, p. 15.

(\*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.